# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 376/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alan Muscat**

Seduta tal-

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoniji dedottiakontra l-appellant, Alan Muscat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 293581M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Jannar u Frar 2015 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqas li jaghti lil Joanne Muscat, is-somma ta' €450 kull xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Lulju, 2015 li biha sabet lill-appellant, allura imputat, hati w  ikkundannatu xahar prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alan Muscat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appelata billi tvarja l-piena inflitta fuq l-appellant minn wahda ta' detenzjoni effettiva ghall-piena ohra li ma tkunx timporta l-karcerazzjoni effettiva tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lil-Avukat difensur tal-parte civili jiddikjara illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordini tal-Qorti Civli billi hallas lill-kwerelanta l-ammonti lilha dovuti bhala retta alimentari;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell odjern jirrigwarda biss il-piena kominata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami li hija wahda harxa u ngusta tenut kont l-ammissjoni bikrija tieghu u li kien qed ihallas b'pagamenti regolari biexx jissan l-arretrati li kellu u li kien jonqsu biss ftit zmien biex ihallas il-pendenzi mertu ta' dan l-appell;
2. Madankollu, kif gia senjalat *supra* l-Avukat tal-parte civile ddikjara li l-appellant ottompera wara li inghatat s-sentenza appellata;
3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xahar prigunerija u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.

Giovanni Grixti

Imhallef